TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 25/18-F

**Dolores Zammit**

**vs**

**International Sales Direct Co. Ltd.**

Illum 10 ta' Lulju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Frar, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elfejn, erba' mija u għaxar ewro (€2,410), rappreżentanti prezz ta' solar water heater.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi l-problema kienet illi minkejja li saret l-installazzjoni, xorta ma kienx qed itella' s-sħana rikjesta, u minkejja wkoll illi l-heating element kien inbidel dana xorta baqa' bil-problema.

L-intimat issottometta li s-solar water heater għandu jkun kontinwament fix-xemx u kien fuq suġġeriment tar-rikorrenti fejn is-solar water heater ġie nstallat u mhux fuq il-parir tas-soċjeta' ntimata.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet ukoll illi hi riedet a spejjeż tagħhom iċċaqlaq is-solar water heater.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi huwa l-obligu tas-soċjeta' ntimata li jinstalla s-solar water heater fil-post fejn huwa l-iktar għall-benefiċċju tiegħu jiġifieri li jkun l-iktar fix-xemx, u m'għandux jaċċetta li jiġi nstallat fejn l-inqas li jkun hemm xemx bil-konsegwenza li jkun hawn sitwazzjonijiet bħal din.

It-Tribunal, pero' qed jara wkoll li hemm tort kontributorju tar-rikorrenti stante li nsistiet li jitwaħħal fejn riedet hi.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u mitejn ewro (€1,200), u b'dan illi s-solar heater jibqa' propjeta' tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**